

Talbiet

- tannulla s-sentenza appellata;
- tilqa' t-talbiet magħmula fl-ewwel istanza mir-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors fil-Kawża T-580/16;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

Aggravji u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tqis li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi u bi żnaturament tal-fatti.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt u żnaturat il-fatti billi warrbet interpretazzjoni awtonoma u uniformi tal-kunċett ta' spejjeż tal-iskola fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u billi għamlet dan il-kunċett dipendenti milli jiġi aċċettat mid-diversi sistemi ta' tagħlim tal-pajjiżi ta' residenza ta' uffiċjal, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni n-natura tal-ispejjeż u tal-interessi tat-tfal.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm mill-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jinkludi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandu normalment jingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Axa Belgium, C-494/14, EU:C:2015:692).

Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 47 tas-sentenza appellata hija inkoerenti u tmur kontra l-ġurisprudenza fil-qasam tal-konkordanza bejn l-ilment amministrattiv preliminari u r-rikors.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni billi ma ddeċidietx dwar il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, minkejja li ġew invokati quddiemha.

Konsegwentement, skont ir-rikorrenti, billi eżaminat b'mod wisq sommarju t-tliet ilmenti differenti tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali waslet għal konklużjonijiet li ma huma ġġustifikati la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Appell ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2017 minn Enercon GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-3 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-36/16, Enercon vs EUIPO

(Kawża C-433/17 P)

(2017/C 412/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Enercon GmbH (rappreżentanti: R. Böhm, Rechtsanwalt, M. Silverleaf QC)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Gamesa Eólica, SL

Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-36/16;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-245/12;
- tibgħat il-każ lura quddiem l-EUIPO bil-ħsieb li dan jadotta d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell fil-Każ R 260/2011-1 u tiċħad l-applikazzjoni ta' Gamesa għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni inkwistjoni;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċedimenti fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata fil-Kawża T-36/16 tikser l-Artikolu 7(1)(b) u/jew 52(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾ u li kien hemm ksur proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali għas-segwenti raġunijiet:

1. Il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li r-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit inerenti ta' karattru distintiv sabiex din tiġi rreġistrata u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009. Permezz ta' dan il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.
2. Il-Qorti Ġenerali wettqet l-ewwel żball ta' liġi meta qieset li d-deskrizzjoni tat-trade mark bħala trade mark bil-kulur fuq il-formula tal-applikazzjoni kienet tiddetermina n-natura legali tat-trade mark u konsegwentement kienet taffettwa l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tagħha. Il-Qorti Ġenerali kellha tqis li d-deskrizzjoni tat-trade mark bħala trade mark bil-kulur fuq il-formula tal-applikazzjoni kienet tingħata prinċipalment għall-konvenjenza amministrativa tal-EUIPO u ma tikkostitwixx materja legali. Konsegwentement fid-determinazzjoni tan-natura tat-trade mark li saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tqis sempliċiment id-deskrizzjoni tat-trade mark fuq il-formola iżda l-kontenut sħiħ tal-formola tal-applikazzjoni, b'mod partikolari r-rappreżentazzjoni tat-trade mark ppreżentata flimkien mal-formola tal-applikazzjoni. Ir-rappreżentazzjoni tat-trade mark fuq l-applikazzjoni turi trade mark figurattiva li tinkludi l-karattersitiċi partikolari indikati fiha.
3. Il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-forma tat-trade mark kif irreġistrata, u b'mod partikolari kif annotat fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-EUIPO fuq ir-reġistrazzjoni tat-trade mark. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni huwa d-dokument ta' reġistrazzjoni li jindika l-forma tat-trade mark kif irreġistrata u kellu jitqies mill-Qorti Ġenerali bħala determinanti għall-istabbiliment tan-natura tat-trade mark irreġistrata. Meta jiġi interpretat korrettament, il-kontenut taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, jimmanifesta b'mod ċar il-fatt li t-trade mark hija rreġistrata bħala trade mark figurattiva fil-forma li tidher fir-rappreżentazzjoni ppreżentata flimkien mal-formola tal-applikazzjoni. Billi naqset milli twettaq dan kollu, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.
4. Il-Qorti Ġenerali wettqet it-tieni żball ta' liġi u ksur proċedurali meta rrifjutat li tirċievi l-informazzjoni neċessarja sabiex tifhem il-kontenut taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni. Dan id-dokument huwa l-pubblikazzjoni ST.60 tal-Uffiċju Dinji għall-Proprietà Intellettuali li jistabbilixxi t-tifsira tal-kodiċijiet INID li jintużaw b'mod universali fiċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-uffiċċji tal-proprietà intellettuali inkluż mill-EUIPO sabiex tiġi identifikata n-natura u t-tifsira tal-entrati inlużi fihom. It-tifsira tal-kodiċijiet INID tista' tiġi ddeterminata biss b'riferiment għall-pubblikazzjoni ST.60 jew sors ta' riferiment ekwivalenti u l-kontenut taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jiġi ddeterminat biss b'riferiment għat-tifsira tal-kodiċijiet INID inklużi fihom. Il-Qorti Ġenerali ikkunsidrat b'mod żbaljat is-sors ta' tali informazzjoni bħala evidenza u konsegwentement irrifjutat b'mod żbaljat li tirċievi d-dokument jew l-informazzjoni inkluża fih meta din fil-fatt huwa test legali ekwivalenti għal dizzjunarju. Li kieku l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-għodda interpretattivi ppreżentati quddiemha, kienet tifhem li ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni huwa għal trade mark figurattiva li tinkludi r-rappreżentazzjoni inkluża fil-formola tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. L-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO kien ikkonkluda li tali trade mark kienet tissodisfa r-rekwiżit ta' karattru distintiv li jagħti lok għad-dritt li din tipi rreġistrata u l-Qorti Ġenerali kellha wkoll tiddeċiedi f'dan is-sens.

⁽¹⁾ Council Regulation (EC) No 207/2009 of 26 February 2009 on the Community trade mark (OJ 2009, L 78, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy Poznań-Stare Miasto w Poznaniu (il-Polonja) fit-22 ta' Awwissu 2017 – HR

(Kawża C-512/17)

(2017/C 412/22)

Lingwa tal-kawża: il-Polakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy Poznań-Stare Miasto w Poznaniu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: HR